

Brussell, 15 ta' Lulju 2025
(OR. en)

11239/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0189 (NLE)**

**ECOFIN 947
UEM 385
FIN 824
ECB
EIB**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill fil-qafas tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza - il-Finlandja - Adozzjoni

1. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021, kif tinsab fid-dokumenti 12524/21 + ADD 1, approvat il-valutazzjoni pożittiva tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP") tal-Finlandja f'konformità mal-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2021/241.
2. Dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ġiet emendata aktar tard fl-14 ta' Marzu 2023, skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, kif jinsab fid-dokumenti 6991/23 + ADD 1 COR 1, fit-8 ta' Diċembru 2023 skont l-Artikolu 21c tar-Regolament (UE) 2021/241, kif jinsab fid-dokument 15836/23 + ADD 1, fis-16 ta' Lulju 2024 skont l-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241, kif jinsab fid-dokument 11535/24 + ADD 1.
3. Fit-30 ta' April 2025, il-Finlandja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 fuq il-bażi li l-RRP ma għadux jista' jinkiseb għalkollox minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta' dan, il-Finlandja ppreżentat RRP emendat.
4. Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241. Il-Kummissjoni tqis li l-emendi ppreżentati mill-Finlandja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilit fid-Deċiżjoni ta'

Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

5. Il-Kummissjoni qieset li l-RRP emendat jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, ir-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u li l-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Finlandja tibqa' l-istess.
6. F'dan il-kuntest, filwaqt li taġixxi abbażi tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2021/241, fis-26 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) tad-29 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Finlandja, li tinsab fid-dokumenti ST 10922/25 u ST 10922/25 ADD 1.
7. Il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri Finanzjarji eżamina l-proposta fil-15 ta' Lulju 2025 u laħaq qbil dwar it-test, soġġett għal reviżjoni mill-ġuristi lingwisti.
8. It-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, kif finalizzat mill-ġuristi lingwisti, jinsab fid-dokumenti ST 11030/25 u ST 11030/25 ADD 1.
9. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
 - jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-testi, kif iffinalizzati mill-ġuristi lingwisti, ta':
 - a) id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tad-29 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Finlandja, kif tinsab fid-dokument ST 11030/25, u
 - b) l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tad-29 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Finlandja, kif jinsab fid-dokument ST 11030/25 ADD 1, u
 - jirrakkomanda lill-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni msemmija hawn fuq flimkien mal-Anness tagħha bħala "Punt A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.